Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2024/2030(DEC)

14.11.2024

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2023
(2024/2030(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Assita Kanko

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-Artikolu 8 tat-TFUE jesiġi li l-Unjoni timmira li telimina l-inugwaljanzi u li tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-attivitajiet kollha tagħha; billi l-ugwaljanza hija dritt fundamentali skont it-Trattat ta' Lisbona u prijorità għall-Unjoni, filwaqt li l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) jappoġġja lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-Istati Membri fil-kisba ta' dak l-għan;

B. billi fl-2023, il-ħidma tal-EIGE ffukat fuq żewġ prijoritajiet tematiċi: il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; billi l-kriżijiet jaggravaw il-vulnerabbiltà tan-nisa u l-esponiment tagħhom għall-vjolenza, filwaqt li jintensifikaw l-inugwaljanzi strutturali eżistenti u jaggravaw it-tipi kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inklużi dawk fiżiċi, sesswali u psikoloġiċi; billi l-effettività tal-azzjonijiet tal-EIGE fir-rigward tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li jeħtieġ li jiġi rivedut u aġġornat biex jiġu stabbiliti miri li jistgħu jintlaħqu b'mod ġenerali biex tinkiseb l-ugwaljanza u jiġu appoġġjati n-nisa, speċjalment fl-Unjoni, hija dubjuża;

1. Għandu tħassib serju li l-missjoni tal-EIGE ġiet iddevjata mit-titjib tal-ugwaljanza minħabba l-enfasi tagħha fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew; jirrimarka li l-EIGE laħaq 92,76 % tal-objettivi tal-programm ta' ħidma tiegħu;

2. Jinnota li ż-żieda ta' 8,5 % fl-ispejjeż tal-persunal tal-EIGE tista' tiġi attribwita għar-rata ta' inflazzjoni għolja kontinwa kif ukoll għall-indiċjar ta' 2,7 % tas-salarji, u li l-għadd medju ta' persunal baqa' 45; jinnota li żewġ aġenti kuntrattwali ġew ingaġġati u ffinanzjati mill-ftehim ta' kontribuzzjoni tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni mad-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir; jirrikonoxxi l-problema persistenti ta' nuqqas ta' persunal fl-EIGE u jissuġġerixxi li l-EIGE jiffoka l-programm ta' ħidma tiegħu fuq il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet filwaqt li, fejn meħtieġ, fid-dawl tal-kapaċitajiet attwali tal-persunal, inaqqas il-prijorità tal-azzjonijiet relatati mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

3. Jirrikonoxxi li ttieħdu miżuri speċifiċi fil-qasam tal-ġestjoni finanzjarja biex tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tal-kuntratti qafas interistituzzjonali.